MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 72/2003

**Mario Polidano**

**Vs**

**Maria Bileci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' erbat elef, hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm4,524.58) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni milll-konvenut sofferti b'konsegwenza tal-incident stradali illi sehh fit-23 ta' Marzu, 2001 'Hal Qormi bejn il-minibus bin-numru ta' registrazzjoni HMY-266, proprjeta' tal-attur, u l-vettura tal-ghamla 'Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni CAE-568 misjuqa mill-konvenuta, liema incident stradali sehh unikament bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-

traffiku da parti tal-istess konvenuta, bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-23 t'Ottubru, 2002 u tal-ittra ufficjali illi giet prezentata ghall-finijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Tramite l-assikurazzjoni taghha, l-eccipjenti accettat ir-responsabilta' ghall-incident stradali de quo sa mis-6 ta' Marzu 2001 (Dok.1).
2. Sa minn qabel saret din il-kawza, ma kien hemm ebda opposizzjoni da parti tal-eccipjenti jew tal-assikurazzjoni taghha sabiex favur l-attur issir likwidazzjoni u hlas tad-danni li jkun jirrizulta li garrab bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni.
3. Ghalkemm l-assikurazzjoni tal-eccipjenti talbet diversi drabi lill-attur sabiex jibghatilha l-kontijiet tieghu sabiex tigi processata l-claim u wara jsir il-hlas, l-attur baqa' inadempjenti u minflok ippresenta l-avviz odjern (Dok 2 sa Dok 4).
4. Fil-kaz li jirrizultaw fondati l-eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjenti m'ghandhiex tbati spejjes gudizzjarji.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-istess nota ta' eccezzjonijiet citata, l-konvenuta kienet, 'tramite l-assikurazzjoni taghha …… <u>accettat r-responsabilta</u>' ghall-incident stradali 'de quo' sa mis-6 ta' Marzu 2001 (Dok 1). Difatti dan jirrisulta mid-dokument citat (fol 9 tal-atti) liema dokument jikkonsisti f'fax' mibghut, mill-istess socjeta assikuratrici tal-konvenuta, <u>fis-6 ta' Marzu 2001</u>, f'liema dokument hemm dikjarat "… we are <u>accepting liability</u> for the above-mentioned claim*"*.

Illi, pero', mill-atti jidher li l-konvenuta qed tikkontesta kemm il-'quantum' ta' danni pretiz mill-attur (ara fol 31 ibid) kif ukoll it-talba ghall-hlas tal-ispejjes ta' din il-kawza da parti tal-konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi dwar dan il-konvenuta esebiet dokument iehor markat Dok 2 (fol 10 ibid) minn fejn jidher illi l-istess socjeta assikuratrici tal-konvenuta lill-Avukat tal-attur, illi "Following your letter dated 12/7/02, kindly send copies of all repair bills and any papers with proof that Mr Mario Polidano has suffered Lm60 in damages" oltre dak markat bhala Dok 3 (fol 11 ibid) fejn, wara li saret referenza ghall-ittra ufficjali mibghuta mill-attur u datata t-23 ta' Ottubru 2002, l-istess socjeta assikuratrici talbet sabiex l-attur jibghat il-kontijiet kollha relattivi ghal dan il-kaz (ara ukoll id-dokument a fol 12 ibid markat Dok 4 u datat it-8 ta' Jannar 2003 u li permezz tieghu qed issir l-istess talba gja premessa).

Ikkunsidrat

Illi l-attur ipproduca bhala l-uniku xhud tieghu, l-istess Avukat difensur tieghu (fol 31 et seq tal-istess atti) li esebixxa, ukoll id-dokumenti minn fol 19 sa fol 30 ibid). L-istess xhud beda' billi jsemmi li, f'dan il-kaz, il-kontestazzjoni kienet tirreferi, biss, ghal 'quantum' ta' danni kagunati a dannu tal-attur kemm bhala 'damnum emergens" kemm bhala "lucrum cessans". In rigward il-pretensjonijiet tal-attur , ix-xhud specifika, illi permezz ta' ittra bid-data tal-5 ta' Settembru 2002 (Dok C a fol 23 tal-atti) hu kien informa lis-socjeta assikuratrici tal-konvenuta, anke permezz tad-dokumentazzjoni kollha mitluba x'kienu il-pretenzjonijiet tal-attur vis-à-vis dan il-kaz. Cjononostante u wara din l-ittra l-istess xhud baqa' jircievi xorta wahda noti sabiex l-istess attur jibghat id-dokumentazzjoni kollha gia mibghuta lill-istess socjeta assikuratrici. Ghalhekk, kienet saret din il-kawza tenut kont tal-fatt illi l-attur ma kienx rcieva r-risposta finali dwar il-pretenzjonijiet tieghu, ampjament dokumentati.

Ikkunsidrat

Illi dak li qed jippretendi l-attur skond l-avviz in esami jinsab sufficjentement dokumentat u pruvat mid-dokumenti annessi a fol 19 et seq ibid u fin-nuqqas ta’ xi prova kontrarja prodotta da parti tal-konvenuta, it-talba dwar il-‘quantum’ kif dedotta mill-avviz ghandha tigi akkolta. Dwar dan ghandu jissemma’ illi, kif risultanti a fol 34 tal-atti, l-Qorti kienet laqghet it-talba tal-konvenut sabiex tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza li kellha tinghata fil-15 ta’ Dicembru 2003. Pero’ l-konvenuta, xorta wahda, ma gabet ebda prova (ara fol 36 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ispejjes, mix-xhieda tal-Avukat Chris Cilia, kif hawn fuq sintetizzata u mid-dokumenti hemm citati, jidher ukoll li l-ispejjes, ta’ din il-kawza ghandhom jigu akkollati lill-konvenuta. Dwar dan il-Qorti ma tistax ma tikkumenta li tali spejjes jmisshom jithallsu mis-socjeta assikuratrici tal-konvenuta ghal ragunijiet li jidhru ovvji. Pero dan ma jistax jigi ordnat minn din il-Qorti stante li l-istess socjeta assikuratrici ma hiex parti f’din il-kawza, b’hekk ma tistax tigi kundannata li thallas dawn l-ispejjes gudizzjarji.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal incident in esami minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni totali fis-somma ta’ Lm4524.58,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm4524.58,0 bl-imghax legali mit-23 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta’ Ottubru 2002 u tal-4 ta’ Frar 2003, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------